MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 859/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Mario John Celeste

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li biha esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 2888/97RCP) kienet giet deciza mill-Qorti fl-20 ta’ Jannar, 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lil Maltacom p.l.c. s-somma ta’ Lm1266.16 (elf, mitejn, sitta u sittin Liri Maltin u sittax-il centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 244864.

Illi mill-imsemmija somma l-intimat kien ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, kien tas-sorte fuq indikat, oltre Lm183.00 (mija, tlieta u tmenin Liri Maltin) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa

annessa mar-rikors u mmarkata Dok “A” kif ukoll Lm624.64 (sitt mija, erbgha u ghoxrin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-20 ta’ Marzu 2005, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti huwa ta’ Lm2073.80 (elfejn, tlieta u sebghin Liri Maltin u tmenin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Semghet bil-gurament lil Dr. Ingrid Zammit Young li kkonfermat li ghadu ma thallas xejn mill-ammont kif indikat fir-rikors.

Rat illi l-intimat debitament notifikat mghajjat tliet darbiet ma deherx ghas-seduta tal-lum, u anqas ipprezenta risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti

tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------